# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 20 ta' Ottubru 2015**

**Rikors Numru: 404/2014 CSH**

**Media Consulta Malta Limited**

**vs**

**Frank Cachia f'ismu proprju u bhala ezercenti l-kummerc fl-isem u fl-interess ta' "Sharma Ethnic Cuisines"**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar il-15 ta' Dicembru 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, seba' mija u tnejn punt zero erbgha ewro (€5,702.04) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi fuq inkarigu tieghu u minnu accettati in konnessjoni man-negozju mmexxi minnu f'isem "Sharma Ethnic Cuisines" gewwa l-Imdina u dan skond statement hawn anness u mmarkat Dok A u kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dan stanti l-fatt li ghalkemm li gie interpellat sabiex ihallas l-ammont hawn fuq imsemmi anke ufficjalment, huwa baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra tieghu.

Bl-ispejjez kollha inkluz l-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali li ggib id-data tat-2 ta' Gunju 2014, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghaxijiet legali mid-dati tal-invoices li nhargu skond id-Dok. A surreferit sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat, li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat ir-risposta ta' Frank Cachia li giet ipprezentata fir-Registru fit-13 ta' Jannar, 2015 fejn eccepixxa:

1. *"Illi ghandha tigi ppruvata l-accettazzjoni da parti tal-esponent konvenut tal-prezzijiet ghas-servizzi komprizi fl-import reklamat u miktub mill-attur rikorrent fir-rikors promotur.*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni mressqa u promossa mis-socjeta' attrici rikorrenti hija ntempestiva ghad illi bejn il-partijiet kien sar ftehim sabiex il-hlas ta' dak l-ammont bilancjali talvolta accertat u li allura dovut mill-konvenut esponenti jigi dilazjonat.*
3. *Illi l-interpellazzjoni ufficjali li ghaliha saret riferenza fir-rikors promotur ma nhargitx kontra l-konvenut esponent izda kontra kontradittur illegittimu u dan kif sejjer jirrizulta fil-kors tas-smigh tal-kawza.*
4. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

Il-konvenut **Frank Cachia** xehed nhar l-4 ta' Frar 2015 fejn iddikjara li f'Gunju tas-sena 2014 kienet marret persuna maghrufa bhala Bert ta' Island Scene li effettivament kienet ghamlet xi xoghol ghas-socjeta' attrici, xi brochures ghal-lukandi u s-socjeta' attrici ma hallsitux u hallsu hu ghan-nom tas-socjeta' attrici.

**Frank Cachia** kompla jixhed fit-12 ta' Frar 2015 fejn iddikjara li huwa kien gia hallas is-somma ta' elf, erba' mija u tnejn u disghin ewro u sebghin centezmu (€1,492.70). Huwa esebixxa Dokument RB li hija kopja tal-invoice li giet mibghuta lilu minn Island Scene. Esebixxa wkoll kopja tal-Internet banking ta' cekk li huwa hallas lill- Island Scene liema dokument gie mmarkat bhala Dokument RB 1 u din fl-ammont ta' elf, erba' mija u tnejn u disghin ewro u sebghin centezmu (€1,492.70). Huwa spjega li t-tielet dokument huwa parti mit-tieni dokument u ghalhekk immarkat bhala Dokument RB 1. Ic-cekk huwa datat 6 ta' Ottubru 2014 u dawn huma l-istess dokumenti li huwa ghamel referenza ghalihom fix-xhieda tieghu precedenti. Huwa sostna li dan huwa l-ammont li huwa qed jghid li jrid jigi mnaqqas mill-ammont dovut lis-socjeta' attrici. Huwa tenna illi Bert kien qallu illi Media Consulta kienet irrifjutat li thallsu ghaliex allegat illi ma kienx ghamel xoghol tajjeb. Sussegwentement Bert qallu wkoll li kien rega' ghamel *reprinting* u xorta ma thallasx u ghalhekk hallsu x-xhud stess.

**Andrew Warrington** xehed fit-12 ta' Frar, 2015 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta' attrici. Huma filfatt kienu nkarigati sabiex jaghmlu *advertising publication work* ghax-xoghol tal-konvenut Sharma Ethnic Cuisine. Ix-xhud tenna li x-xoghol taghhom kien f'*Public relations*. Huwa gie muri dokument esebit fl-atti li huwa mmarkat bhala Dokument A a fol 2 u spjega illi dan huwa l-bilanc dovut mis-Sur Cachia lejn is-socjeta' attrici. Ix-xhud ma jaqbilx li effettivament minn dan l-ammont dovut ghandha titnaqqas is-somma ta' elf, erba' mija u tnejn u disghin ewro u sebghin centezmu (€1,492.70) li allegatament is-Sur Cachia hallas lil Island Scene Limited. Huwa ddikjara li effettivament huma ma kienux hallsu lill-Island Scene ghax effettivament ma kienux thallsu huma direttament minghand il-klijent. Una volta kienu jithallsu minghand il-klijent kienu lesti li jissetiljaw mal-Island Scene.

L-invoice li urihom is-Sur Cachia huwa rigwardanti xoghol li sar fis-sena elfejn u erbatax (2014) u s-Sur Cachia kien waqaf ihallashom fis-sena elfejn u tlettax (2013). Huwa ddikjara li fi Frar kien baghtilhom email is-Sur Cachia fejn qalilhom li l-ammont mitlub minnhom kien kollu dovut. Iddikjara li x-xoghol li effettivament thallas ghalih is-Sur Cachia permezz ta' cekk RB1 ma kellux jaqsam xejn max-xoghol taghhom. Huwa esebixxa l-invoice li kienet harget is-socjeta' Island Scene Limited li hija mmarkata bhala Dokument RB 2 u qal illi effettivament din kienet l-invoice li kienet tirrigwardja xoghol li huma kellhom kwistjoni maghhom fis-sena elfejn u tlettax (2013) u dan fl-ammont ta' elf, mija u disgha u sebghin ewro u tmienja u disghin centezmu (€1,179.98) liema ammont ikopri wkoll il-VAT. L-ammont li effettivament huma kellhom ihallsu lill-Island Scene kien jammonta ghal elf, mija u sitta u sebghin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€1,176.45) plus 180 VAT. Mistoqsi jekk l-ammont imsemmi f'Dokument RB 2 thallasx wiegeb illi le ghadu ma thallasx minnhom. Pero' ikkonfermaw li qeghdin jistennew il-pagament minghand is-Sur Cachia.

**Bert Kuhney** xehed bil-lingwa Ingliza fejn ikkonferma li jahdem bhala *Sales Representative* ma' kumpanija bl-isem ta' Island Scene Limited. Ix-xhud ikkonferma li effettivament Sharma Restaurant kien ghamel pagament li jammonta ghas-somma ta' elf, erba' mija tnejn u disghin ewro u sebghin centezmu fl-1 ta' Ottubru 2014, li kien sar permezz ta' *cheque* li jinsab ezebit fl-atti bhala Dokument RB1 a fol 13. Ix-xhud ikkonferma li dan ic-*cheque* gie mhallas fis-sena 2014 akkont tal-*invoice* a li jinsab ezebit a fol 12. Dan ic-*cheque* effettivament jirrapprezenta *brochures* li kienu pprintjaw ghal Sharma. Ghalhekk dan il-pagament irrapprezenta l-*printing* ghal dawn il-*brochures* li kienu saru ghal Sharma fil-perjodu tas-sena 2014, u cioe' mis-sena 2013 sas-sena 2014. Dan sar fuq suggeriment li nghata lix-xhud mill-avukat difensur tieghu.

Ix-xhud ikkonferma li filfatt din l-agenzija ma riditx thallashom (Media Consulta Malta Limited) u ghalhekk gie mhallas direttament minn Sharma Ethnic Cuisines. Ix-xhud ikkonferma dan billi qal li huma qatt ma rcevew pagament mill-kumpanija attrici u huma m'ghandhomx jaghtu flus lil din il-kumpanija. Ix-xhud tenna li l-kumpanija attrici filfatt tat struzzjonijiet lilhom biex jaghmlu xi xoghlijiet ghal Sharma Cuisines. Ix-xhud ikkonferma wkoll li kienu rcevew *invoice* minghandhom. Ghalkemm gew invoiced Media Consulta Limited ma rcevew l-ebda pagament minghandhom. L-invoice li kienet dovuta lilhom ma giet qatt imhallsa u rcevew pagament minn Sharma Ethnic Cuisines. Ix-xoghlijiet li kellhom x'jaqsmu ma' Sharma Ethnic Cuisine gew imhallsa direttament minnhom. Ix-xhud stqarr li ma kellhomx jaghtu flus li ghandhom x'jaqsmu ma' dawn ix-xoghlijiet lil Media Consulta Limited. Ix-xhud tenna li hu m'ghandu jaghti flus lil hadd u hadd m'ghandu jaghti flus lilu. Minghand Media Consulta Limited hu m'ghandux jiehu flus ghax hu jigi mhallas minn Sharma. Ix-xhud spjega li huwa qed jitkellem f'isem il-kumpanija Island Scene Limited ghan-nom ta' Gary Mendez.

**Andrew Warrington** rega' xehed fis-27 ta' Mejju 2015 u muri r-remittance advice esebit bhala Dokument A anness mal-avviz a fol 2 tal-process datat 28 ta' Mejju 2014 huwa qabel li originarjament is-socjeta' attrici rapprezentata minnu kienet qed titlob is-somma ta' hamest elef, seba' mija u zewg euro u erba' centesmi (€5,702.04) minghand il-konvenuti. B'referenza ghall-invoice indikata f'din ir-remittance advice li hija datata 30 ta' Settembru 2008 numru 94883 fl-ammont ta' €1,836.60 qal illi fuqha hemm invoices individwali u wiehed minn dawn l-invoices jirraprezenta l-invoice li rcevew minghand Island Scene Limited liema dokument jinsab esebit fl-atti a fol 17 immarkat bhala Dokument RB2. Spjega illi d-differenza bejn dawn iz-zewg invoices huma elementi ohra li huma nvojsjaw lil klijent dak il-hin li m'ghandhomx x'jaqsmu mal-invoice li huma kellhom tal-Island

Scene Limited u l-unika ammont li kellhom jaghtu lil Island Scene kien fl-ammont ta' €1,171.98 dak immarkat a fol 17 u jekk il-konvenuti ssetiljaw l-kontijiet mal-Island Scene fir-rigward tal-ammonti li huwa ghandu jaghti lilhom, l-unika differenza ta' qabel u issa huwa dak il-valur indikat fl-RB2 a fol 17 u cioe' l-ammont ta' €1,179.98 u ghalhekk mis-somma originali msemmija fir-rikors promotur taghhom ghandha titnaqqas biss, dak li hemm imsemmi fid-dokument esebit fl-atti a fol 17. Mistoqsi jekk is-Sur Cachia qatt informah li huwa kien se jhallas dan il-kont direttament lil Island Scene jghid illi le qatt ma nfurmah. Pero' kull meta kien jitlob il-flus lis-Sur Cachia kien jghidlu li l-ammont huwa dovut, izda kien jitlob zmien biex imbaghad ihalsu. Obbliga ruhu li fis-seduta li jmiss jesebixxi kopja tal-email imsemmija f'din ir-remittance advice li diga' tkellem dwarha u cioe' n-numru 94833 datat 30 ta' Settembru 2013.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici esebita fl-atti nhar is-27 ta' Mejju 2015 li permezz taghha s-socjeta' atttrici irriduciet it-talba attrici bis-somma ta' elf, mija u tmienja u sebghin ewro u tmienja u disghin centezmu (€1,178.98) u b'hekk it-talba attrici ghandha tkun erbat elef, hames mija u tnejn u ghoxrin ewro u sitt centezmi (€4,522.06) stante li fil-mori tal-kawza sar pagament akkont.

Rat in-nota ta' ammissjoni pprezentata fl-atti nhar l-14 ta' Ottubru 2015 li permezz taghha Frank Cachia proprio et irregistra ammissjoni ghat-talba attrici kif ridotta.

**Ghaldaqstant in vista tal-istess nota ta' ammissjoni esebita mis-socjeta' attrici, din il-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici f'ammont ridott u filwaqt li qieghda tilqa' it-talba attrici, qieghda tikkundanna lill-konvenut propju u bhala ezercenti l-kummerc fl-isem u fl-interess ta' Sharma Ethnic Cuisines ihallas lis-socjeta' attrici dik is-somma ridotta**

**u cioe' is-somma ta' erbat elef, hames mija u tnejn u ghoxrin ewro u sitt centezmi (€4,522.06).**

**L-ispejjez kollha inkluz l-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali li ggib id-data tat-2 ta' Gunju 2014, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghaxijiet legali mid-dati tal-invoices li nhargu skond id-Dok A, a karigu ta' l-isess konvenut.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**